MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 735/2003

**Illum 17 ta' Lulju, 2006**

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)
Vs

**Roger Sciberras**
**Maria Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati, karta tal-identita` numru 151772(M) u 264(M) rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Awissu 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/I, minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienux awtorizzati bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-stess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom fil-pussess taghhom dina d-droga, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’ali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Kontra Roger Sciberras wahdu talli wkoll fit-30 ta' Awissu, 2003 u matul l-ahhar snin qabel dina d-data:

c) kellu wkoll fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skon dil-ligi tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-ordni fil-konfront taz-zewg imputati mahruga mill-Avukat Generali fl-1 ta' Settembru 2003 sabiex l-imputat jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegbu ghall-akkuzi u l-kontro-ordni, wkoll fil-konfront taz-zewg imputati mahruga fit-13 ta' Frar, 2004;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi huma ta' traffikar u pussess. L-imputat Roger Sciberras jinsab ukoll akkuzat b'pussess ta' medicina ristretta u psikotropika (ecstacy).

Issa l-provi javallaw b'mod skjett u univoku l-akkuzi riportati kontra l-imputat li jirrisultaw wkoll mill-stqarrijiet rispettivament rilaxxjati minnhom. B'riferenza l-provi hemm l-attestazzjoni tal-oggetti elevate mit-tficcijiet li saru abbinati mar-relazzjoni tal-espert forensiku dwar il-konsistenza tas-sustanza elevati, kemm rigward l-eroina u kemm rigward l-ecstacy.

Illi ghalhekk hi l-element tal-piena li jonqos li tigi kkunsidrata. Fil-kuntest ta’ din, il-Qorti rat li z-zewg imputati ssottomettew ruhhom ghat-terapija, jidher b’success, u wkoll ikkoperaw fis-shih tant illi jinsab dikjarat mill-prosekuzzjoni li ghandhom jibbenifikaw mill-Artikolu 29 tak-Kap 101. Tenut kont li l-imputati kienu ghamlu ftit inqas minn sitt xhur that arrest preventiv, wara li rat r-regolament 4 tal-G.N. 292/1939, Artikolu 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101, u l-Artikolu 40A, 120A, it-tielet skeda tal-Kap 31, r-regolament 5(1) tal-Kap 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V/1985 u l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9, tiddeciedi li tikkundanna:

- lill-imputata Mary Portelli ghal sitt xhur prigunerija;
- lill-imputat Roger Sciberras ghal seba` xhur prigunerija.

Tikkundannahom ukoll in solidum sabiex ihallsu lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ sitta u sittin liri Maltin (Lm66) fi zmien xahar wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------